Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 32/14

Każ numru: 2991 dwar il-kwistjoni tax-xogħol bejn:

**Anita Cassar Bellizzi (appellata)**

**vs**

**San Raffael Pharmacy u b'digriet datat 14 ta' Ottubru, 2013, kull fejn jirrikorru l-kliem San Raffael Pharmacy għandu jiġi Dr. Maria Micallef, Karl Micallef, Malcolm Micallef u Saviour Micallef eżerċenti l-kummerċ bl-isem San Raffael Pharmacy (appellanti)**

4 ta' Novembru 2016.

Anita Cassar Bellizzi talbet li t-Tribunal Industrijali jordna kumpens billi ġiet imkeċċija inġustament mill-impjieg li kellha ma' San Raffael Pharmacy u li ġiet diskriminata. Hija xliet lill-intimati bi ksur tar-regolament dwar impjegati *part-time* L.S. 459.79 kif ukoll, billi hija mara b'responsabiltajiet familjari, bi ksur tal-Kap 456.

L-intimata wieġbet li l-appellata kienet impjegata *'full time with reduced hours'* kif jirriżulta mill-formola ta' ngaġġ li ntbagħtet lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u taħriġ. Għaldaqstant mhuwiex minnu li kienet *part-timer*. F'Settembru 2011, il-prinċipal talab lill-appellata sabiex ma tibqax taħdem b'sigħat ridotti, skont kif kien previst l-ingaġġ oriġinali u b'hekk tirriverti għal sigħat sħaħ. L-appellata talbet salarju ta' €2,500 netti fix-xahar. Il-prinċipal m'aċċettax il-proposta. Għalhekk il-prinċipal fittex u mpjega spiżjara oħra li tkun tista' taqdi l-funzjonijiet sħaħ. Kienet l-appellata li talbet lill-appellanti ittra ta' riferenza, u nfurmathom li ser taħdem il-perjodu ta' avviż. Kienet wara dak il-perjodu li l-appellata stess li tterminat l-impieg tagħha. L-ispiżjara l-ġdida kienet ġiet ingaġġata mill-appellanti hekk kif spiċċa l-perjodu ta' avviż.

Permezz ta' sentenza tal-1 ta' Diċembru 2014, it-Tribunal Industrijali laqa' t-talba b'mod limitat billi sab li r-rikorrenti sofriet element ta' diskriminazzjoni u kkundanna lill-konvenuti jħallsuha kumpens ta' €4,000.

L-intimati appellaw mis-sentenza, bl-aggravju li:

1. l-bażi tat-talba tar-rikorrenti hi li ġiet iddiskriminata minħabba r-responsabilitajiet familjari tagħha. Hija iżda ma rnexxilhiex iġġib prova ta' din l-allegazzjoni.

2. l-allegazzjoni ma tinkwadrax ruħha fit-termini tal-Avviż Legali 461 tat-2004 kif imfisser fis-subregolament 3 tar-Regolament 1. (ara para 3.8 tar-rikors tal-appell)

3. it-Tribunal ma kellux jikkundannahom iħallsu €4,000 għaliex ir-rikorrenti ma sofriet l-ebda telf.

Ir-rikorrenti wieġbet li:

1. l-fatti juru li r-rikorrenti tabilħaqq ġiet iddiskriminata.

2. l-allegazzjoni tinkwadra ruħha fit-termini tal-Artiklu 2 tal-Kap 452

3. Artiklu 81(2) tal-Kap 452 isemmi kumpens li hija usa minn indennizz għal danni reali.

Ir-rikorrenti appellat inċidentalment bl-aggravju li hija mhux biss ġiet iddiskriminata kif sab it-Tribunal imma wkoll kienet soġġetta għal *constructive dismissal* billi l-*employer* ma jistax unilateralment ibiddel il-kondizzjonijiet tal-impjieg tagħha. *Ergo* ħaqqha kumpens ogħla minn €4,000. Fi kwalunkwe każ il-Qorti għandha tordna l-imgħax fuq is-somma dovuta mid-data tad-deċizjoni tat-Tribunal.

L-intimati wieġbu li l-kawżali quddiem it-Tribunal kienet limitata għal diskriminazzjoni. Kienet ir-rikorrenti li għażlet li titlaq mill-impjieg u mhux l-intimati li keċċewha. In-notice period ħadmitu minn jeddha.

Il-qorti semgħet trattazzjoni u qrat l-atti.

**Fatti**.

1. L-appellata għandha l-professjoni ta' spiżjara.
2. B'seħħ mill-1 ta' Lulju 2008 bdiet taħdem *part-time* fl-ispiżerija San Raffael Pharmacy.
3. B'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2008 bdiet tahdem *full-time reduced hours* fl-istess spiżerija, bħala *managing pharmacist*. Il-ġranet tax-xogħol kienu mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 ta' filgħodu u 1.00 ta' wara nofsinhar.
4. L-appellata kellha salarju ta' €1,000 net.
5. F'Marzu 2011 l-appellata kellha tarbija.
6. L-appellanti riedu li l-ispizerija titmexxa minn spiżjara *full-time*.
7. L-appellata kienet disposta li l-impieg tagħha jsir full-time. L-appellanti offrew salarju ta' €1,700. L-appellata m'aċċettatx.
8. Fit-3 ta' Ottubru, 2011 il-prinċipal ħareġ ittra ta' riferenza fejn fiha jingħad: *"We recently offered full time employment to Anita, however due to family commitments she cannot meet our request and therefore had not option but to resign."*
9. Fl-10 ta' Ottubru 2011, l-appellata bagħtet email lil Malcolm Micallef u qaltlu: *"please find attached the updated letter of reference. I have not changed the wording but omitted some extra sentences that are not required in a reference*

*letter. Kindly sign at your earliest convenience so that I may collect it."* Jidher li l-ittra riveduta kienet dik fejn tneħħa l-kliem il jissemma fil-paragrafu preċedenti.

**Konsiderazzjoni.**

1. Il-qorti tibda biex tosserva li kienet għal kollox skorretta l-premessa tal-appellata fir-rikors promotur tal-20 ta' Jannar, 2012 li kienet impjegata bħala *part-timer*. Id-dokumenti juru li kienet impjegata *"whole time b'sigħat imnaqqsa"* u li skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 452 tfisser: *"impjegat li, bi ftehim mal-prinċipal, jaħdem sigħat li huma anqas minn numru ta' siegħat ta' xogħol applikabbli għal impjegati whole-time skont il-kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg ta' impjegat whole-time sakemm dan l-impieg ikun l-impieg prinċipali tal-ħaddiem, li dwaru jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali."* Għalhekk ir-regolamenti dwar impjegati *part-time*, li l-appellata għamlet riferenza għalihom f'paragrafu ħamsa tar-rikors promotur, ma japplikawx għal każ in eżami. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-appellata kkonfermat li kienet impjegata *full-time with reduced hours*.

2. Mill-provi rrizulta li żmien wara li l-appellata daħlet lura mill-*maternity leave*, l-appellanti kienu ddeċidew li l-ispiżerija għandha titmexxa minn spiżjara *whole time*. Fit-twegiba li ppreżentaw quddiem it-Tribunal qalu:

   *"3. F'Settembru 2011 l-proprjetarji tal-ispiżerija San Raffael talbu lir-rikorrenti sabiex ma tibqax taħdem b'sigħat ridotti skont kif kien previst l-ingaġġ tagħha iżda li* ***tirriverti għal sigħat sħaħ****."*

   M'hemmx provi li l-ftehim ta' mpieg li kellha l-appellata kien xi darba dak ta' impjegat *whole time* (ara definizzjoni fl-artikolu 2 tal-Kap. 452). Il-prova li hemm hi għamlet ftit xhur impjegata *part-time* u wara ġiet ingaġġata *whole time* b'sigħat inqas.

3. It-Tribunal Industrijali mmotiva d-deċiżjoni b'dan il-mod:

   *"7. Fil-fehma tat-Tribunal l-intimati kienu qed jiffaċjaw stat ta' nċertezza li għalih riedu jirrimedjaw. Hawn, jiġi enfasizzat li din ażjenda żgħira fejn il-manuvrar possibbli hu limitat. Da parti tar-rikorrenti, uriet li trid tara ssibx soluzzjoni li tkun tajba għaż-żewġ naħat.*

   *8. It-Tribunal iħoss li l-intimati raw f'Lucia Conti aktar serħan ir-ras meta qiesu l-pretensjonijiet u s-sitwazzjoni tar-rikorrenti. F'dan kollu wieħed jara element ta' diskriminazzjoni imma fuq bażi limitata."*

   F'Artikolu 2 tal-Kap. 452 trattament diskriminatorju hu definit bħala:

   *"…. kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjeta demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilita', twemmina reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi trade union, jew f'assoċjazzjoni ta' prinċipali."*

L-appellanti għamlu riferenza ghar-regolament 3(2) *tar-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi* (L.S. 452.95) li tipprovdi li għal finijiet ta' dawk ir-regolamenti:

*"(a) għandu jitqies li jkun sar trattament diskriminatorju dirett meta persuna waħda hija trattata inqas favorevolment milli persuna oħra tkun, kienet, jew tista' tkun, ittratta f'sitwazzjoni komparabbli għal kull raġuni minn dawk imsemmija fis-subregolament (1)"*

Sabiex iseħħ trattament diskriminatorju m'hemmx għalfejn li persuna tiġi trattata inqas favorevolment minn persuna oħra. Dik hi biss waħda miċ-ċirkostanzi fejn tista' sseħħ diskriminazzjoni.

4. L-appellata ssostni li seħħet diskriminazzjoni għaliex kienet ġiet impjegata ċertu Lucia Conti li kienet xebba u ma kellhiex tfal, u dik l-impjegata:

- Ma kinitx ser toħloqilhom piż finanzjarju ulterjuri għaliex toħroġ bil-*maternity leave*;
- Setat tkun iktar flessibbli fil-ħinijiet peress li ma kellhiex *commitment* tal-familja.

Hu fatt li s-salarju li kienet qegħda tippretendi l-appellata kien differenti minn dak li ngħatat Lucia Conti. Għallinqas skond il-provi li hemm fl-atti:

i. Lucia Conti ngħatat salarju ta' €1,800 fix-xahar. L-appellata xehedet li Conti tatha dan it-tagħrif.
ii. L-appellata kienet fl-aħħar ipproponiet salarju ta' €2,000 fix-xahar, liema proposta ma ġietx aċċettata.

Diskrepanza ta' €2,400 fis-sena. Wieħed jista' jagħmel l-argument li d-differenza fis-salarju hi fiha nnifisha prova li dan ma kienx każ ta' diskriminazzjoni. Madankollu:-

i. Wieħed irid jiftakar li l-appellata kienet ilha taħdem fl-ispiżerija sa mill-1 ta' Lulju, 2008. Dan apparti li l-qorti fehemet li l-appellata kellha wkoll iktar esperjenza minn Lucia Conti (ara t-tagħrif li hemm fid-dokument tal-ETC a fol. 106). Dawn fihom nnfishom huma ċirkostanzi favur l-appellata li kellha tingħata l-impieg, għalkemm kienet qegħda tippretendi ftit iktar salarju.

ii. Id-deċiżjoni tal-appellanti li tiġi ngaġġata spiżjara *full-time* ittieħdet tista' tgħid kif l-appellata rritornat lura mill-*maternity leave* (ara deposizzjoni ta' Malcolm Micallef, fol. 82).

iii. Fl-ittra ta' riferenza tat-3 ta' Ottubru, 2011 jingħad:

*"We recently offered full time employment to Anita,* ***however due to family commitments she cannot meet our request*** *and therefore had no option but to resign."*

M'hemm l-ebda prova li l-appellata qatt qalet dawk il-kliem lill-appellanti. Kliem li fil-fehma tal-qorti huma prova ċirkostanzjali ta' kif kienu qegħdin jaħsbuha l-appellanti. Dan in kwantu li kienu huma li minn jeddhom daħlu fix-xena l-materja dwar *family commitments*. Kliem li fil-fehma tal-qorti jindika li għall-prinċipal it-twelid tat-tieni wild kien ifisser iktar *commitment* tal-appellata lejn il-familja bil-konsegwenza li ma kinitx ser tkun f'posizzjoni li taqdi dmirijiet ta' mpjegata *full-time*. Dan iktar u iktar meta jidher li l-appellata kienet infurmat lill-appellanti li sabiex tibda taħdem *full-time*, żewgha kien ikollu jitlaq mix-xogħol. Materja li ovvjament l-appellanti ma kien ser ikollhom l-ebda kontroll dwarha. Kliem li żgur ma kinux ser igħinu lill-appellata biex issib impieg alternattiv u li ġustament talbet li jitneħħew. M'hemmx provi b'saħħithom li l-appellata ma riditx taħdem *full-time*. Tant hu li l-impieg ta' wara li rnexxielha ssib fl-aħħar tal-impieg mal-appellanti, kien fil-fatt *full-time* (fol. 105).

iv. Saħansitra Dr Maria Micallef qalet li kienu jkunu disposti li jiddiskutu li kieku l-appellata ppretendiet salarju €1,900 jew €2,000 (fol. 53). Pero' l-appellata xehedet li kienet hi stess li eventwalment ipproponiet salarju ta' €2,000 lil Malcolm Micallef, iżda lanqas din l-offerta ma ġiet aċċettata. Verżjoni li l-appellanti ma rribattewx[1]. Fil-fatt ma jirriżultax li saret xi diskussjoni bejn il-partijiet sabiex jipprovaw jaslu fi ftehim dwar is-salarju u l-appellata sempliċement ġiet infurmata li l-proposta ma ġietx aċċettata. Jekk l-appellanti ġenwinament riedu jżommu lill-appellata taħdem magħhom, li kienet ilha taħdem hemm tlett snin u kienu kuntenti biha, kienu jagħmlu ħilithom li jaslu f'arranġament u mhux jagħtuha l-ġemb billi jsibu spiżjara oħra.

v. L-ispiżjara l-ġdida li ġiet impjegata ma kellhiex tfal u kienet xebba. Hu veru li hi wkoll potenzjalment setat toħroġ tqila (ara paragrafu 3.10 tar-rikors tal-appell), pero' jibqa' l-fatt li f'dak iż-żmien ma kellhiex *commitment* ta' familja.

5. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tikkonkludi li t-Tribunal seta' jikkonkludi li kien hemm trattament diskriminatorju fil-konfront tal-appellata.

6. Kienu l-appellanti li tterminaw l-impieg tal-appellata. L-appellanti mpjegaw

---

[1] Il-qorti temmen li l-appellata kienet għamlet offerta ta' €2,000 salarju fix-xahar sabiex taħdem *full-time* mal-appellanti meta tqies li dak kien is-salarju li ngħatat fl-impieg alternattiv li sabet fi spiżerija fl-Mġarr. Probabilment kif aċċettat impieg b'salarju ta' €2,000 fix-xahar kienet ser taċċetta li tibqa' taħdem fl-istess spiżerija b'dak is-salarju, fejn kellha iktar kumdita' għal dak li jirrigwarda distanza bejn il-post tax-xogħol u d-dar.

spiżjara oħra *full-time* u l-appellata spiċċat bla xogħol. Għalkemm l-appellata:

i. talbet lill-prinċipal jagħtiha ittra ta' riferenza; u
ii. ħadmet ukoll il-perjodu ta' notice;

ma jfissirx li minn jeddha telqet mill-impjieg. Għall-qorti l-appellata ma kellhiex triq oħra ġialadarba l-prinċipal kien iddeċieda li ma jkomplix jimpjegaha bħala *full time with reduced hours*.

Din kienet deċiżjoni tal-appellanti li ma kellhomx dritt jieħdu unilateralment. F'dan il-kuntest ukoll kien hemm tkeċċija nġusta. Madankollu l-appellanti ma kellhiex għalfejn tipproponi appell inċidentali bl-ilment li t-Tribunal Industrijali naqas milli jiddikjara li l-każ hu wkoll wieħed ta' tkeċċija nġusta minħabba li, *"…. l-employer m'għandu l-ebda setgħa jew dritt illi jittermina l-impieg tal-impjegat tiegħu, sempliċiment għaliex l-impjegat ma jkunx aċċetta illi jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-impieg tiegħu."* (fol. 18). L-appellata argumentat li riżenja mix-xogħol wara li l-prinċipal ikun biddel il-kundizzjonijiet tax-xogħol b'mod unilaterali, ifisser *constructive dismissal*. Fil-fehma tal-qorti ma kienx hemm lok li jsir appell dwar dan ġialadarba t-Tribunal laqa' t-talba li kien hemm trattament diskriminatorju. It-Tribunal Industrijali qatt ma ddeċieda fir-rigward ta' dan l-ilment, jista' jkun ukoll minħabba l-fatt li għalkemm fir-rikors promotur l-appellata lmenta minn tkeċċija nġusta pero fil-premessi tar-rikors promotur ma jissemmiex l-ilment kif spjegat hawn fuq u l-appellata tidher li lmentat biss minn trattament diskriminatorju. Hu ovvju li wara l-appell inċidentali kien hemm il-ħsieb li l-appellata tkopri lilha nnifisha f'każ li l-qorti tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti. F'kull każ, ġialadarba il-meritu għandu jiġi deċiż mit-Tribunal, il-qorti kienet fl-agħar ipoteżi tibgħat lura l-atti quddiemu biex jikkunsidra u jiddeċiedi dwar it-teżi tal-appellata li kien hemm tkeċċija nġusta bil-mod spjegat fl-appell inċidentali.

7. Għal dak li jirrigwarda l-kumpens, hu minnu li lejn l-aħħar tal-impjieg mal-appellanti, l-appellata rnexxielha ssib xogħol *full-time* fi spiżerija oħra. L-appellanti jsostnu li ladarba l-appellata sabet impieg minnufih, ma sofriet l-ebda telf li kien jimmerita l-kumpens. Fil-fatt m'hemm l-ebda prova li l-appellata sofriet danni reali. Pero ladarba t-Tribunal sab li kien hemm trattament diskriminatorju min-naħa tal-prinċipal, kellu jillikwida kumpens **għal ksur**. Fil-fatt hekk għamel (artikolu 81(2)(b) tal-Kap. 452). Is-somma likwidata mit-Tribunal hi flokha. Ħadd mill-partijiet m'għamel argumenti li jikkonvinċu lill-qorti li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tat-Tribunal Industrijali.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti u l-appell inċidentali bl-ispejjeż kontra l-appellata.**

Anthony Ellul.